MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru. 318/2009

**Il-Pulizija
(Spettur  Victor Aquilina)**

**vs.**

**Roderick Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Roderick Vella ta' 22 sena, iben Mario u Rita xebba Darmanin, imwieled Pieta nhar il-25 ta' Settembru 1985, residenti fil-fond Nru. 7 Blue Acara, Triq il-Vitorja Luqa, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 498685 (M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer,  fit-16 ta'  Awissu 2008 u fis-sentejn ta' qabel:

(a) Kellhu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

F'kaz ta' htija, l-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill-imputat Roderick Vella bhala ufficjal pubbliku li sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi u dan ai termini ta' l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali netta tieghu u li ikkopera mal-pulizija. Ghalkemm huwa veru li l-imputat, li kellu l-kariga ta' pulizija meta ghamel ir-reat, kellu l-obbligu li jimpedixxi li jsir dan ir-reat, il-Qorti

hija tal-fehma li huwa aktar fl-interess tas-socjeta li hija tghin lill-imputat biex ma jkomplix jidhol fil-vizzju tad-droga, milli li tapplika id-dispost ta’ l-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------